PARROCCA SANTA MARGERITA V.M.,SANNAT
Tel/Fax: 21551435 . Email: sannatparish@ keyworld.net
Website : www.sannatparish.com

**IL-ĦADD, 10.08.08: ID-DSATAX-IL ĦADD MATUL IS-SENA.**
Il-ġabra li ssir illum fil-knisja waqt il-quddies tkun għar-restawri tal-knisja.
**IT-TNEJN, 11.08.08:** Se ssir ħarġa għall-membri tal-Kor Ulied Margerita.
Ix-Xarabank titlaq mill-Pjazza tal-knisja fis-**7.30p.m.**
Il-membri tal-Kor huma mitluba biex ikunu fil-ħin.
**IL-ĦAMIS: 14.08.08: VĠILI TA' SANTA MARIJA.**
Bħas-snin l-imgħoddija se terġa ssir il-**VELJA TA' SANTA MARIJA.** Din hija velja ta' Talb bi tħejjija għall-festa ta' Santa Marija.
Il-Velja se tkun fuq iż-żuntier tas-Santwarju Ta' Pinu. Ix-Xarabank mill-Parroċċa tagħna se titlaq fit-8.00p.m. mill-Pjazza tal-knisja.
**IL-ĠIMGĦA, 15.08.08: SOLENNITA' TAL-VERGNI MARIJA MTELLGHA S-SEMA.**
**Patruna tad-Djoċesi ta' Għawdex.**
**FESTA KMANDATA.**
Illum il-quddies ikun bħal nhar ta' Ħadd.
**IL-ĦADD, 17.08.08: L-GĦOXRIN ĦADD MATUL IS-SENA.**

**RINGRAZZJAMENT…**
F'ismi u f'isem il-Komunita' Parrokkjali nixtieq nrodd ħajr lill-Management ta' Palazzo Margherita, għal diversi trattamenti li kienu offruti minnu mingħajr ebda nteress f'ċirkustanzi differenti matul il-ġranet tal-festa ta' Santa Margerita, li għadna kif ċċelebrajna.

## GRUPP LATVJA FIL-PARROCCA
Nhar il-Ġimgħa, 1 ta' Awissu 2008 kien hawn fostna Kor mil-Latvja mmexxija minn Rita Refalo u sħabha l-Oblate Apostoliche Pro Sanctitate li huma missjunarji fil-Latvja.
Il-Kor tana serata ta' Kant professjonali, kemm waqt il-quddiesa u anke wara.
Il-Parroċċa offrietilhom trattament u anke tathom offerta ta' flus mill-ġabra li saret waqt il-quddiesa u anke mill-fond tal-karita' tal-parroċċa.
Is-Somma li offrejna kien ta' **500 Euro**.

**PELLEGRINAĠĠ DJOĊESAN**
Se jsir pellegrinaġġ Djoċesan għal fuq il-Gżejjer ta' San Pawl – Malta.
Dan se jkun nhar l-Erbgħa, 20 ta' Awissu. Nitilqu mill-Imġarr Għawdex mal-vapur tal-4.30p.m. Immorru bil-lanċa minn San Pawl il-Baħar għal fuq il-Gżejjer ta' San Pawl. Ikun hemm konċelerbazzjoni u wieħed jista jirbaħ l-Indulġenza Plenarja. Niġu lura mal-vapur tal-9.45p.m.
Biljetti mill-Uffiċċju Parrokkjali, mhux iktar tard minn nhar il-Ħadd 17 ta' Awissu.

**NOTA DWAR IT-TIĠRIJA**
Il-Premijiet fi flus li kienu destinati għal tiġrijiet tal-festa u li kienu ġew skwalifikati se jinżammu għat-tiġrijiet tal-festa tas-sena li ġejja.

**Riżoluzzjonijiet tal-Papa Gwanni XXIII.**
- Illum infittex li ngħix ġurnata b'mod pożittiv, mingħajr ma nfittex li nsolvi l-problemi kollha f'salt.
- Nieħu ħsieb tad-dehra ta' persunti; nilbes modest; ma ngħollix leħni; inkun ġentili f'imġiebti; ma' nikkritika lil ħadd; ma nippretendi li nikkoreġi jew nċanfar lil ħadd, ħlief lili nnifsi.